Ħaż-Żabbar
Città Hompesch

**Minuti tat-395 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar il-Ħamis, 9 ta' Frar, 2012**

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace u l-Kunsillieri s-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici u s-Sinjura Calleja.

Fis-7.00 ta' filgħaxija s-Sur Robert Buhagiar daħal għal-laqgħa.

Fis-7.30 ta' filgħaxija s-Sur Buttigieg daħal għal laqgħa.

Is-Sur Keith Pisani u s-Sur Kevin Plumpton kienu skużati

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-394 laqgħa.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Bonnici ġibed l-attenzjoni dwar bini perikoluz li hemm fi Triq tal-Labour ma' Triq il-Vittorja.

Is-Sinjura Calleja staqsiet meta ser isiru slow signs fi Triq ix-Xgħajra. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn il-marki tat-traffiku ser isiru fi zmien qasir.

Item 4 – Minuti tas-Sotto Kumitati

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitati.

Item 5 – Korrispondenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill ta' Eschborn fejn il-Kunsill ġie nfurmat li din is-sena l-Kunsill ser jiġi mistieden għall-attivitajiet li ser isiru f'Awwissu minflok f'Eschenfest li normalment issir f'Mejju.

Inqara invit mibgħut mid-Dipartiment għall-Anzjani u Servizzi fil-Komunita' fejn is-Sindku u l-Kunsillieri ġew mistiedna jattendu għall-attivita' f'għeluq il-mitt sena tas-Sinjura Marianna Cutajar li ser issir nhar it-Tlieta, 14 ta' Frar, 2012.

Inqrat ittra mibgħuta mill-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali fejn il-Kunsill intalab jissuġġerixi siti f'Ħaż-Żabbar fejn jistgħu jsiru *power points* għall-vetturi li jaħdmu bl-elettriku. Is-Sur Bonnici ppropona li ssir *power point* fi Triq Tal-Labour. Il-Viċi Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta. Is-Sinjura Calleja pproponiet li ssir *power point* fi Triq Villabate. Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sinjura Calleja u l-Kunsill qabel unanimament li tiġi ndikata din it-triq.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn *Transport Malta* fejn ġie propost li ssir *roundabout junction* fi Triq Kunsill tal-Ewropa ma' Triq tal-Labour. Is-Sur Grech ppropona li ssir spezzjoni fuq il-post sabiex jiġi identifikat post fejn jeħtieġ li jsiru z-ze*bra crossings* kif ukoll jinstab post fejn iz-zona tkun mdawwla. Il-Viċi Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Grech u l-Kunsill qabel unanimament.

Fis-7.00 ta' filgħaxija s-Sur Buhagiar daħal għal-laqgħa.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsilliera s-Sinjura Calleja lill-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ dwar il-possibilita' li jsiru korsijiet għan-nisa li jridu jirritornaw lura għax-xogħol. Is-Sinjura Calleja nfurmat lill-Kunsill li kif ikollha aktar informazzjoni se tinforma lill-Kunsill.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Chairmaine Xerri mit-taqsima tal-psikjatrijafiċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid li talbet sabiex tiltaqa' ma' rapprezentanti tal-Kunsill biex jiġi diskuss kif tistgħa tingħata għajnuna għal nies b'mard mentali. Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li kien ser jiltaqgħa mas-Sinjura Xerri biex isiru aktar diskussjonijiet dwar din l-għajnuna.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kumpanija IPSL fejn il-Kunsill ġie mitlub sabiex il-ħaddiema tal-IPSL assenjati mal-Kunsill ma jqassmux ittri fid-djar jew fil-ħwienet jekk dawn l-ittri ma jkunux ta' natura amministrattiva.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-ħlas għall-*performing rights* tas-sena 2012 kien ta' €18. Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buhagiar, il-Kunsill qabel unanimament li titħallas is-somma ta' €18 għal dan id-dritt.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn *Transport Malta* fejn il-Kunsill ingħata l-approvazzjoni sabiex issir *road hump* fi Triq Bajada bejn Sqaq Nru 2 u Sqaq Nru 4.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Paroċċa Madonna tal-Grazzja fejn il-Kunsill intalab sabiex iz-zona maġenb iċ-Ċentru Nazaret fil-Qasam tad-Djar tiġi mdawwla. Il-Kunsill ġie infurmat ukoll li Ħadd in-Nies ser ikun iċċelebrat nhar il-Ħadd, 26 ta' Frar, 2012. Is-

Sur Grech ppropona li tintalab stima sabiex isir arblu tad-dawl u titdawwal din iz-zona. Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Grech u l-Kunsill qabel unanimament li tintalab din l-istima.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Aġenzija Sapport fejn il-Kunsill intalab jinforma l-aġenzija b'korsijiet li joffra il-Kunsill lir-residenti tiegħu bil-għan li persuni b'dizabilita' jkunu jistgħu wkoll jipparteċipaw u jintegraw mal-parteċipanti l-oħra.

Inqrat korripondenza mibgħuta mis-Sur Mark Azzopardi resident Zabbari li talab sabiex isiru sinjali tat-traffiku fi Triq Mina ta' Hompesch sabiex jiġu evitati aktar inċidenti tat-traffiku. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Grech, il-Kunsill qabel unanimament li din it-talba titressaq lill-*Transport Malta*.

Fis-7.30 ta' filgħaxija s-Sur Buttigieg daħal għal laqgħa.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Rebecca Cachia Fearne fejn talbet laqgħa ma' raprezentant tal-Kunsill sabiex jiġu organizzati korsijiet informattivi dwar is-saħħa. Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li kien ser jiltaqgħa mas-Sinjura Cachia Fearne bil-għan li dawn il-korsijiet jiġu organizzati f'Ħaż-Żabbar.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Direttur għall-Gvern Lokali dwar reviżjoni tal-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali għas-sena 2012. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-allokazzjoni kienet tnaqqset u ser tkun ta' €759,685.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjażżjoni tal-Kunsilli Lokali dwar ir-Revizjoni tal-Allokazzjoni Finanzjarja 2012. L-Assoċjażżjoni talbet lid-Direttur għall-Gvern Lokali sabiex qabel ma jittieħdu deċizjonijiet bħal dawn l-Assoċjażżjoni għanda tiġi nfurmata.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn *Transport Malta* fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-Awtorita ma ssibx oġġezzjoni li taċċetta talba li saret minn kuntrattur biex tingħalaq Triq iz-Zinġla u jkun jista jitpoġġa *Tower Crane* għal perjodu ta' disa' xhur. Fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġie ssekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ma jsibx oġġezzjoni li din it-triq tingħalaq sakemm isiru x-xogħlijiet jekk kemm il-darba ma jkunx hemm inkonvenjent għar-residenti u tingħata l-approvazzjoni minn Transport Malta.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjażżjoni tal-Kunsill Lokali fejn il-Kunsill ġie nfurmat li l-MEPA qed tagħmel konsultazzjoni pubblika dwar il-ħruġ ta' permessi.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Chris Schembri fejn informa lill-Kunsill li kien ser jitwaqqaf NGO sabiex tkompli titqajjem kuxjenza dwar diversi oqsma ta' importanza fil-Komunita' ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sur Schembri talab lill-Kunsill sabiex jiġi provdut post biex fih ikunu jistgħu jsiru l-laqgħat. Is-Sindku ppropona li s-Sur Buhagiar jiltaqa' ma' Sur Schembri biex tinġabar aktar informazzjoni dwar din l-organizzazjoni li se tiġi

mwaqqfa. Is-Sur Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kulleġġ Santa Margerita fejn il-Kunsill intalab sabiex subien li jattendu l-kulleġġ jintbgħatu għal ġimgħa fil-Kunsill biex josservaw il-ħaddiema waqt ix-xogħol tagħhom u b'hekk jirrealizzaw ir-responsabilitajiet li hemm marbutin ma' dan ix-xogħol partikulari u jiġu esposti għad-dinja tax-xogħol.

**<u>Xogħol tal-Kunsill</u>**

**<u>Approvazzjoni ta' Finanzi</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn it-12 ta' Jannar, 2012 u 9 ta' Frar, 2012 li kien jammonta għal €153,807.79. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll quddiem il-Kunsill il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Jannar, 2012 li kien jammonta għal €228.47. Dan ukoll ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

Inqraw il-minuti tal-Laqgħa Annwali Pubblika li saret nhar it-Tlieta, 7 ta' Frar, 2012.

**<u>Approvazzjoni tal-Estimi Annwali</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill l-Estimi Annwali għas-sena finanzjarja Jannar – Diċembru 2012. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill approva unanimament dawn l-Estimi Annwali.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-*Financial Statements* għas-sena finanzjarja 1 ta' Jannar, 2012 - 31 ta' Diċembru, 2012. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament dawn il-*Financial Statements*.

Inqraw il-minuti tal-22 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's. Dawn ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku.

B'referenza għall-minuti tal-Kumitat Amministrattiv is-Sur Grech rrefera għall-kummenti tas-Sur Bartolo dwar il-korrispondenza li nbgħatet minnhu fid-djar tas-St Peter's. Is-Sur Grech qal li hu elett mill-poplu nkluz ir-residenti ta' St Peter's u għandu dritt izomm kuntatt mar-residenti. Is-Sur Grech qal li meta kien ġie avviċinat fil-passat minn residenti ta' St Peter's kien kiteb u ressaq dawn l-ilmenti lil Kumitat Amministattiv. Is-Sur Grech saħaq ukoll li bħala Kunsillier kien ser jibqa jgħati l-għajnuna tiegħu lir-residenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt għall-manutenzjoni ta' sinjali u marki tat-traffiku (ZLC 1/2009) kien se jagħlaq fil-11 ta' Marzu 2012 u billi dan il-kuntratt ma jistax jiġi mġedded jeħtieġ tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti għal dan is-servizz. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, l-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-avukat Dr Mario Caruana dwar l-offerta ta' tindif ta' toroq mhux urbani f'Ħaż-Żabbar peress li l-Kunsill talab parir legali mingħandu dwar l-offerent li naqas milli jiffirma n-*Non Collusive Certificate*. Il-Kunsill ġie nfurmat li kellu dritt li jwarrab l-offerta tal-persuna in kwistjoni peress li rrizulta li t-*tender* ma kienx komplut meta ġie sottomess. Is-Sur Grech ippropona li fiċ-ċirkustanzi l-orħos offerent għandu jiġi skwalifikat u tintgħażel it-tieni offerta vantaġġjuza dik mingħand is-Sur Bryden Azzopardi. Il-Viċi Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Grech u l-Kunsill qabel unanimament li tintgħazel it-tieni l-aktar offerta vantaġġjuza.

Dwar l-offerti għax-xogħol ta' *Certified Public Accountant* (ZLC 10/2011) is-Segretarju Eżekuttiv qara korrispondenza mibgħuta mill-Kumpanija Nexia BT dwar l-esperjenza ta' din il-kumpanija fil-Kunsilli Lokali peress illi din kienet waħda mir-*requirements* fit-*tender*. Fl-ittra tagħha is-Sinjura Katrin Bondin Carter qalet li l-kumpanija għad m'għandiex esperjenza ta' ħames snin f'ambjent ta' xogħol relatat mal-Kunsilli Lokali izda din l-esperjenza qed tinbena wara li fl-aħħar sena l-kumpanija ngħatat l-inkarigu li tagħmel xogħol għal Kunsill Lokali ta' Bormla u riċentament ingħatat it-*tender* għal xogħol tar-Reġjun Ċentru. Dan minbarra esperjenzi oħra ta' snin ma' awtoritajiet u dipartimenti.

Il-Viċi Sindku ppropona li peress illi l-orħos offerenti m'għandhomx is-snin ta' esperjenza mall-Kunsilli Lokali kif stipulat fit-*tender*, għanda tintgħazel it-tieni offerta dik mis-Sur Lawrence Cauchi f'isem Darmanin Cauchi & Co. Is-Sur Bonnici ssekonda l-proposta tal-Viċi Sindku u l-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

Inqraw ir-rapporti ta' spezzjoni li saru tal-*playing fields* fil-lokalita'ta' Ħaż-Żabbar fi Ġnien il-Kunsill, fi Ġnien Tamara Psaila u fi Ġnien il-Mistrieh. B'relevanza għal dawn ir-rapporti s-Sur Buhagiar saħaq dwar l-importanza li jitwaħħlu *cameras* ta' sigurta f'dawn il-ġonna.

Inqrat korripondenza mibgħuta mil-Perit William Lewis dwar ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni li qed isiru fil-binjiet tal-Gvern. Il-Perit informa lill-Kunsill li għalkemm il-kuntrattur kien informa lir-residenti li kien ser jibdel it-tankijiet tal-ilma minn fuq il-bjut wħud mir-residenti xorta ħallew it-tankijiet mimlijin bl-ilma. Il-Perit informa lill-Kunsill li kien ta struzzjoniet lill-kuntrattur biex ibattal l-ilma biex b'hekk ikun jista' jibdel it-tankijiet u jitkompla x-xogħol.

**<u>Affarijiet Oħra</u>**

Il-Viċi Sindku semma l-bżonn li titwaħħal *U Bar* quddiem ir-residenza Gemini fi Triq Alessio Erardi.

Il-Viċi Sindku talab sabiex tiġi rranġata bankina fi Triq Espedito Catania quddiem ir-residenza *Green Finch*.

Il-Viċi Sindku reġa talab li titwaħħal tabella ta' *no entry for heavy vehicles except to render service* fi Triq iż-Żabra.

Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-laqgħa li ġiet organizzata mill-Kunsill Pastorali Parrokjali nhar it-Tlieta, 7 ta' Frar, 2012 bil-għan li jkomplu jiġġeddu l-valuri fost ir-residenti Żabbarin. Il-Viċi Sindku qal li waqt il-laqgħa saħaq dwar il-ħtieġa li jinfetaħ *night shelter* għal-anzjani Żabbarin. Is-Sur Grech qal li kien issuġġerixxa wkoll li tiġi ndirizzata t-tema tal-faqar. Is-Sur Pace qal li kien ser jagħti aktar dettalji fil-laqgħa li jmiss peress li kienu ser jiġu prezentati l-minuti ta' din il-laqgħa.

Il-Viċi Sindku ressaq ilment ta' residenta dwar *no entry* li saret fi Triq San Gużepp. Din ir-residenta qed titlob li din it-triq terġa ssir *two way*.

Is-Sur Grech qal li d-deċizjoni li Triq San Guzepp issir *one way* kienet ittieħdet minn *Transport Malta*. Is-Sur Pace issuġġerixxa li tintbgħat ittra lir-residenti fejn jiġi propost li din it-triq issir *two way*.

Il-Viċi Sindku ppropona li l-Kunsill jneħħi l-paġna tiegħu fuq *face book* peress li dan il-mezz ta' komunikazzjoni ma kienx laħaq l-iskop tal-Kunsill. Is-Sur Bonnici ssekonda l-proposta tal-Viċi Sindku, iżda din il-proposta m'għadditx b'żewġ voti favur, bi tlett voti kontra u żewġ astensjonijiet.

Fit-8.45 ta' filgħaxija l-Viċi Sindku talab li jkun skużat.

Is-Sur Grech staqsa jekk kienx intlaħaq ftehim mal-kapijiet ta' l-iskola dwar l-aktar post aċċessibli biex isir *reserved parking* għat-tfal b'dizabilita'. Is-Sur Buhagiar qal li kien tkellem mal-Kap ta' l-iskola Santa Klara u ġie ssuġġeriet li din ir-*reserved parking* issir fi Triq Castaldi wara li tiġi rranġata l-bankina.

Is-Sur Grech talab li l-Kunsill jikteb lill-Kumpanija Arriva dwar l-ilment tas-Sinjura Pulis peress li rotta 204 ma kienitx qed tieqaf fuq l-istage bl-isem ta' Ċikas.

Is-Sur Grech talab li jitneħħa *pipe* tad-dawl li hemm fuq il-bankina fi Triq is-Santwarju ħdejn il-venda peress li dan kien ta' periklu għall-pubbliku.

Is-Sur Grech qal li kien tkellem mas-Sinjura Nora Maceli mill-Fondazzjoni Santa Ġovanna Antida dwar itqassim ta' prodotti tal-ikel lir-residenti li qed jiġi offrut mill-Unjoni Ewropeja. Is-Sinjura Maceli qalet li kienet ser tkellem lill-Kapillan tal-Paroċċa bil-għan li tikseb aktar informazzjoni dwar is-servizz ta' tqassim tal-ikel.

Is-Sur Grech staqsa meta ser titneħħa *r-road hump* li hemm fi Triq ix-Xgħajra ma' Triq Felice.

Fid-9.00 ta' filgħaxija s-Sur Grech talab li jkun skużat.

Is-Sur Bonnici semma l-laqgħa li kellhu mal-Kumpanija Greenpak u qal li ġie ssuġġeriet li nhar ta' Tlieta jibda jinġabar biss l-iskart riċiklat mingħajr ma' jibqa' jinġabar l-iskart mħallat.

Is-Sur Bonnici tkellem dwar il-laqgħa li kellhu flimkiem mas-Sur Buhagiar mal-Assistent Kap tal-iskola Santa Klara s-Sinjura Anna Muscat fejn fost affarijiet oħra ssemmiet il-possibilita' li ssir *electronic twinning* ma' klassi fl-iskola ta' Eschborn.

Is-Sur Bonnici talab sabiex issir laqgħa mal-MEPA biex il-Kunsill ikun jaf x'zvillupi saru wara l-aħħar laqgħa li saret dwar il-funderija *Hompesch Steel*.

Is-Sur Bonnici talab sabiex jitwaħħal l-arblu tad-dawl li nqala f'Misraħ is-Sliem qabel il-festa.

Is-Sinjura Calleja talbet sabiex isir *yellow line* quddiem garaxx fi Triq Santa Tereza.

Is-Sinjura Calleja talbet sabiex jitnaddfu l-bozoz u jizdid il-vultaġġ tad-dawl fi Triq Santa Tereza.

Is-Sinjura Calleja talbet sabiex titnaddaf plot li hemm fi Triq ix-Xgħajra ma' Triq il-Kapuccini.

Is-Sinjura Calleja talbet li jitnaddaf l-isqaq ta' Triq il-Kapuccini li jwassal għal Triq Liberata.

Is-Sur Buhagiar qal li ser jiġi provdut trasport lit-tfal li ser jipparteċipaw fil-*Fun Run* li ser issir f'Marsaskala nhar it-Tnejn, 28 ta' Mejju, 2012. Is-Sur Buhagiar informa lill-Kunsill li l-banek lokali BOV u HSBC ser iqassmu l-flokkijiet lil dawn it-tfal.

Is-Sur Buhagiar talab sabiex isir fanal tad-dawl ġdid fi Sqaq Muxi.

Is-Sur Buhagiar tkellem dwar l-inċident li kellhu mal-ħaddiem tal-IPSL is-Sur Mario Corso f'Jum Ħaż-Żabbar u talab li s-Sur Corso jitlob skuza għall-atteġjament tiegħu dakinhar tal-inċident.

Is-Sur Buhagiar semma l-ħtieġa li jiġu rranġati t-tabelli tat-traffiku fil-Misraħ.

Is-Sur Buhagiar talab li jsiru sinjali u *parking bays* fit-toroq li riċentament sar *resurfacing* fihom.

Is-Sur Buttigieg talab li jinxtraw *litter bins* għal ħdejn il-*bus stops* kif ukoll jitwaħħal *dog bin* fi Triq Mina ta' Hompesch fil-viċinanaza tal-Mina.

Is-Sur Buttigieg reġa' semma l-bżonn li jsir *patching* estensiv fi Triq il-Karmnu quddiem ir-residenza 13 u 15 sal-kantuniera tat-triq.

Is-Sur Buttigieg staqsa dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill lill-GAL Xlokk sabiex l-isqaq ta' Ħas-Sajjied jingħata wiċċ ġdid. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien għadu ma rċieva l-ebda risposta.

Is-Sur Buttigieg talab li ssir *road hump* fi Triq l-1 ta' Frar quddiem residenza numru 3.

Is-Sur Buttigieg talab li jsir *double yellow line* fi Triq Santa Tereza faċċata tal-garaxx numru 85. Kif ukoll li ssir *yellow box* fi Triq Sant'Antnin quddiem il-garaxx *Juve 146.*

Is-Sur Buttigieg talab biex il-Kunsill jerġa jikteb lill-kumpanija Go sabiex jitneħħew l-arbli tal-injam li hemm fi Triq Ħadd in-Nies u jsiru *parking bays* fl-istess triq.

Is-Sur Buttigieg talab li l-Kunsill biex jikteb lill-*Transport Malta* sabiex issir *zebra crossing* fi Triq Villabate fil-viċinanzi ta' Triq San Ġuzepp.

Is-Sur Buttigieg talab li tiġi rranġata l-parti d-dejqa ta' Triq Santa Duminka.

Is-Sur Buttigieg talab li titwaħħal tabella *Cul De Sac* fi Triq Ganni Bonavia.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li titnaddaf Triq il-Kittien.

Is-Sur Buhagiar talab li jiġu rranġati l-*parking bays* fi Triq Alessio Erardi ma' Triq il-Lembija.

Is-Sindku ressaq petizzjoni pprezentata lilu mir-residenti ta' Triq Wied il-Għajn li talbu sabiex titwaħħal *speed camera* fil-viċinanzi ta' Triq iċ-Ċimiterju peress li kien qed isir sewqan eċċessiv b'konsegwenza ta' periklu għal min ikun għaddej u ħsarat fil-vetturi pparkjati.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.35 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-396 laqgħa li saret nhar il-Erbgħa, 7 ta' Marzu, 2012.

Domenic Agius
Sindku